22 ta' Ottubru, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

A.I.C. Joseph Barbara et. *versus* Carmelo Mallia ne.

**"War Damage Commission" — Appell — Kjamata fil-Kawża — Art. 960 tal-Kap. 15**

*Il-"War Damage Commission" hija korp amministrattiv; iżda għandha karattru "quasi-judicial". Għaldaqstant il-proċediment ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina*

*mid-deċiżjonijiet ta' dik il-Kummissjoni huwa trattazzjoni ta' kawża fit-tieni istanza; u għalhekk ukoll, f'dak il-proċediment ma jistax jiġi adottat il-provvediment tal-kjamata fil-kawża, għax il-liġi ssemmi dan l-istitut biss kwantu għall-ewwel istanza.*

*Jekk imbagħad fil-kwistjoni li tiġi quddiem il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina jkun xieraq li l-kwistjoni tiġi deċiża fil-preżenza ta' persuni oħra, jeħtieġ li jiġu konċiljati dik id-dispożizzjoni li tillimita l-kjamata fil-kawża għall-ewwel istanza mal-ġustizzja u espedjenza tal-preżenza fil-kawża ta' dawk il-persuni; u għalhekk huwa l-każ li tiġi annullata d-deċiżjoni tal-War Damage Commission, u li l-proċess jiġi rinvijat lil dik il-Kumissjoni, biex din tikkunsidra l-kwistjoni mill-ġdid u tiddeċidiha wara li tkun semgħet anki lil dawk il-persuni l-oħra.*

Il-Qorti—Rat ir-rikors tal-A.I.C. Joseph Barbara u ta' Emmanuele Barbara, li bih esponew li huma għamlu quddiem il-War Damage Commission il-"claims" numri 13261 69/1696/43 għar-rikostruzzjoni tal-fondi l-Marsa, numri 77/80 Fishermen Street, kantuniera ma' Timber Wharf, numri 3/6; illi s-somma li talbu r-rikorrenti, skond ix-"Schedules of Work", kienet ta' £33,902 18s. 4d., fil-waqt li l-"Commission", b'ittra tal-4 ta' Lulju, 1953, riċevuta però fis-16 ta' Lulju 1953, assenjat biss favur l-esponenti s-somma ta' £19,936. 11. 4. u b'hekk naqqset £13,966. 7. 0. mill-ammont tax-"Schedules of Works" (Dokti. A u B); illi d-deċiżjoni tal-War Damage Commission hija ta' aggravju għall-esponenti, u l-esponenti għalhekk qegħedin jappellaw minnha għal din l-Onorabbli Qorti:

Illi, għalhekk diversi mis-sommom imnaqqsa huma tnaqqis bażat fuq "fatti", bħal dawk meta fil-kejl ta' xi ħitan il-kejl tal-esperti tal-Commission ġie daqqa anqas, u xi drabi anki iżjed, minn dak ndikat fix-"Schedule", hemm diversi partiti li ġew "disallowed" kontra kwalunkwe prinċipju tal-liġi. Infatti..............;

Illi l-esponenti bi ħsiebhom ukoll jinsistu mal-War Damage Commission fuq it-tnaqqis ta' partiti oħra mhux reklamati f'dan l-appell;

U għalhekk talbu li l-Commission tiġi kundannata tħallas, oltre s-somma ġa minnha assenjata, is-sommom l-oħra li jiffurmaw l-aggravji fuq indikati, ċjoe £73. 16. 1. u £1,283. 11. 3, b'kollox £1,357. 7. 4; u li tiġi kundannata li tħallas il-prezz tat-travi skond is-suq korrenti fil-ġurnata tal-"assessment" u fuq il-piż ġust; u b'hekk jitolbu li tiġi amministrata ġustizzja skond il-liġi. Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta tal-appellat nomine fol. 59, li biha qal illi, barra l-kwistjoni tal-"insulation", il-punti l-oħra kollha sollevati fil-preżenti appell huma punti ta' fatt, li minnhom ma jingħatax appell; u illi, kwantu għall-uniku punt ta' liġi li jista' jkun involut fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, u hawn fuq aċċennat, jiġifieri tal-"insulation", li għalieh sar pagament preċedenti lil ħadd ieħor, il-Kummissjoni fuq imsemmija tistrieħ fuq is-subartiklu (8) tal-art 30 tal-Ordinanza fuq indikata; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat ir-rikors tal-appellant nomine li bih talab il-kjamata in kawża ta' Edwin Tabona bħala wieħed mill-Managing Directors tal-Kumpannija "James Calder & Co. (Malta), Limited", u ta' Carlo Borda;

Rat, fol. 72, ir-risposta tal-appellanti, li biha opponew ruħhom għal din it-talba;

Ikkunsidrat, dwar dan l-inċident tal-kjamata in kawża;

L-appell sar fuq tliet partiti, ċjoe:—(1) Il-ħlas tal-"concrete filling" fil-ħitan doppji; (2) il-ħlas tat-travi tal-ħadid; (3) u l-partiti tal-"insulation";

L-appellant nomine jikkontesta l-appellabbilità tad-deċiżjoni tal-War Damage Commission għar-raġuni tal-ewwel żewġ partiti, għax jgħid li si tratta ta' punt ta' fatt; jaqbel però, li hemm punt ta' liġi kwantu għall-partiti tal-"insulation";

Din il-Qorti għad ma ppronunzjatx ruħha dwar il-kwistjoni tal-inappellabbilità, li tidher limitata għall-ewwel żewġ partiti;

L-inċident tal-kjamata in kawża jirrigwarda t-tielet partita, tal-"insulation", li fuqha l-appellant nomine jaqbel li hemm punt ta' dritt li jirrendi d-deċiżjoni tal-War Damage Commission appellabbli. Dan il-punt ta' dritt hu,

in sostanza, jekk l-"insulating equipment" jaqgħax taħt il-Part II tal-War Damage Ordinance (f'liema każ il-kumpens jitħallas lill-inkwilin bħala sid il-"goods"), jew jaqgħax taħt il-Part I (f'liema każ jaqa' taħt "buildings", u jitħallas lill-appellant);

Fil-fatt, il-Commission ħallset lill-inkwilin, ċjoè lid-Ditta "James Calder & Co. (Malta), Limited"; l-appellat nomine issa qiegħed jitlob il-kjamata in kawża ta' din id-ditta, fil-każ li din il-Qorti tiddeċidi li l-"insulating equipment" jaqa' taħt "buildings"; u għalhekk ikun hemm talba ta' rifużjoni tal-War Damage Commission kontra l-imsemmija ditta. L-appellat nomine qiegħed jitlob ukoll il-kjamata in kawża ta' Carlo Borda, awtur tal-appellanti, li peress li kien, kif tallega d-ditta fuq imsemmija, ibbenefika wkoll mill-"Claims" taħt il-Part I u Part II tad-ditta, jista' jkun suġġett għal- xi talba ta' rivalsa, fil-każ li d-ditta "Calder" ikollha tirrifondi l-ammont tal-"insulating equipment" lill-War Damage Commission;

Ikkunsidrat;

Il-War Damage Commission hija korp amministrattiv; iżda b'karattru "quasi-judicial" (P.A. "Pace vs. Anastasi Pace", 1 ta' Mejju, 1946, Vol. XXXII-II-317; Appell "Watson ne. vs. Sacco", 12 ta' Marzu 1951, Vol. XXXV-I-36);

Għalhekk, il-proċedura preżenti hija trattazzjoni ta' kawża fit-"tieni" istanza; u fit-tieni istanza l-kjamata in kawża ma tistax issir, għax il-liġi ssemmi dan l-istitut biss kwantu għall-ewwel istanza (art. 960 Kap. 15 Ediz. Riv.);

Intant ma hemmx dubju li jixraq li din il-kwistjoni tiġi deċiża fil-preżenza fil-ġudizzju tad-ditta "Calder" u ta' Carlo Borda, stante li d-deċiżjoni tista' ġġib li d-ditta "Calder" tirrifondi lill-War Damage Commission, u li Carlo Borda jirrifondi lid-ditta "Calder". Dan anki biex tiġi evitata l-possibbilità ta' konflitt ta' deċiżjonijiet. Ċert, tant id-ditta "Calder" kemm Borda huma vitalment interessati fil-kwistjoni quddiem din il-Qorti;

Din il-Qorti, fil-kawża "Desain vs. Desain Viani", 25 ta' Gunju 1945 (XXXII-I-272), approvat il-prinċipju stab-

bilit fil-kawża "Stepton vs. Spiteri" (Vol. XVI-I-117)dwar l-opportunità tal-kjamata in kawża anki apparti l-eventwali liberazzjoni jew kundanna tal-kjamat in kawża. F'dan il-każ, l-opportunità hi aktar qawwija, għax hemm il-possibbilità tal-kundanna tar-rifużjoni;

Jeħtieġ, għalhekk, li jiġu konċiljati l-art. 960 fuq imsemmi u l-ġustizzja u l-espedjenza tal-preżenza fil-kawża tad-ditta "Calder" u Carlo Borda;

Il-ġurisprudenza adottat, f'każi analogi, ir-rimedju tal-annullament tad-deċiżjoni tal-ewwel istanza, biex issir it-trattazzjoni mill-ġdid quddiem l-ewwel tribunal. Dan sar anki għar-rigward ta' kawżi appellati minn deċiżjonijiet tal-Board tal-Kera (App. "Cini vs. D'Emanuele", 8 ta' Frar 1946, Vol. XXXII-I-337); u, "mutatis mutandis", ma hemmx diffikultà li jsir anki għar-rigward ta' appelli mill-War Damage Commission, li, kif ingħad, għandha anki l-vesti ta' "quasi-judicial body";

B'dan il-mod, jekk tkun annullata d-deċiżjoni tal-War Damage Commission kwantu għall-"insulating equipment" biex dik il-kwistjoni tiġi minnha trattata u maqtugħa mill-ġdid wara li tisma anki lid-ditta "Calder" u lil Carlo Borda, allura, jekk il-kwistjoni terġa' tiġi b'appell quddiem din il-Qorti, tkun tista' wkoll tiġi trattata bil-preżenza fil-ġudizzju tal-interessati kollha;

Għalhekk tiddeċidi fuq l-inċident;

Billi tannulla d-deċiżjoni tal-War Damage Commission kontenuta fl-ittra tagħha tal-4 tal-Lulju 1953, imsemmija fit-tieni paragrafu tar-rikors tal-appell limitatament għall-esklużjoni tal-"claim" dwar l-"insulation equipment" ammontanti għas-somma ta' £1,283. 11. 3; tirrinvija l-proċess lill-War Damage Commission; u tordna li l-kwistjoni dwar daqshekk tiġi kunsidrata u deċiża mill-ġdid mill-War Damage Commission wara li tisma wkoll lid-ditta "Calder" u lil Carlo Borda;

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa;

Thalli l-kawża għat-2 ta' Novembru 1956, għad-diskussjoni tal-punt tal-inappellabbilità għar-rigward tal-ewwel żewġ partiti.